# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 27

21 ta' Ġunju, 2021

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iddeċieda li din il-laqgħa ssir b'mod virtwali permezz tas-sistema online bil-Microsoft Teams® (skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali) minħabba l-pandemija ta' Covid-19, fis-2.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Joseph Bajada – Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 27

27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 26 – 9;
27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
27.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
27.5 Komunikazzjoni;
27.6 Ħatra ta' bord għall-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjonijiet u Offerti ġodda;
27.7 Rapport ta' kull kwart Jan – Marzu 2021;
27.8 Ilmenti u Suġġerimenti;
27.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 6/2021;
27.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

# Minuti

Is-Sindku qal li llum erġajna mhux qed niltaqgħu fiżikament minħabba r-raġunijiet li kullħadd jafhom dawk taċ-ċirkostanzi li għadna għaddejjin minnhom u madwar id-dinja b'din il-pandemija tal-COVID-19 u għalhekk din il-laqgħa qed issir b'mod virtwali permezz ta' sistema *online* ta' Microsoft Teams® skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, dan qed isir peress li l-kamra tal-laqgħat hija ftit żgħira u ma jkunx hemm distanza adegwata għal kull membru u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku kompla billi ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

27.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informal lill-Kunsill, li l-Kunsillier Joseph Bajada ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa peress li qam ma jiflaħx. Il-Kunsill aċċetta din l-apoloġija.

## 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 26 – 9

27.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 26 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn se jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

27.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-offerta għal pavimentar u rinnovar ta' Pjazza Santa Margerita għalqet nhar il-Ġimgħa 18 ta' Ġunju 2021. Il-bord kompost għall-aġġudikazzjoni u l-evalwazzjoni ltaqa' dakinhar stess u beda bil-proċess tax-xogħol tiegħu. Ic-Chairman tal-bord informa lis-Sindku li l-[redacted] wera kunflit ta' interess peress li klijient minn tiegħu applika għal din l-offerta u għalhekk talab li ma jkunx parti minn dan il-bord filwaqt li l-Accountant li kienet maħtura mill-Kunsill għal dan il-bord ma' attendietx peress li dakinhar f'dak il-ħin ħabat li kellha qadi ieħor li ma kelliex kontrol fuqu. Peress li din l-offerta fiha proċess ftit twil biex tiġi aġġudikata w evalwata u biex ma jinħeliex żmien, il-bord talab li minflokk b'ħames membri jaqa għal tlett membri bic-Chairman u s-Segretarju dan sakemm il-Kunsill ma jidirlhux mod ieħor. Il-Kunsill qabel ma dan. Dan il-bord se jkompli b'dan ix-xogħol nhar il-Ġimgħa 25 ta' Ġunju 2021. Is-Sindku qal li ser tintalab li ssir laqgħa nhar l-Erbgħa 30 ta' Ġunju 2021 mall-entitajiet WSC, EneMalta, Go p.l.c., Melita Limited u Epic.

27.3.2 Is-Sindku qal li dwar il-proġett tal-monument tal-gwerra, il-Kunsill baqa' ma semgħa xejn mingħand l-artist u qal li tkellem ma' artist ieħor fejn dan spjega li mhux neċessarju li jsir monument bil-materjal tal-bronż. Hu qal li hemm fejn wieħed jimraħ biex isir monument li jfakkar dan l-avveniment. Is-Sindku talab lill-Kunsill biex jara x'jaħseb dwar dan peress li ż-żmien qed jgħafas biex jiġi kkommemorat it-80 sena minn dan l-avveniment f'Ta' Sannat. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa mall-artist il-ġdid.

27.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021, fl-uffiċċju tal-Kunsill fil-11.00 a.m. ser issir laqgħa mas-Superitendent tal-Pulizija fejn il-Kunsill għandu jiddiskuti l-kontravenzjonijiet li qed idumu ma jidħlu fis-sistema biex wieħed ikun jista jħallas, il-ħruq tan-nar tal-ajru mill-konfini Ta' Sannat mingħajr awtorizzazzjoni mill-Kunsill, diversi laned tal-plastic li wieħed joħroġ biex ma jkunx jista jsir parkeġġ u materja oħra.

27.3.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva donazjoni ta' €1000 mill-Malta Porduction Hub Limited mill-film "[redacted]". Il-location manager qal li x'aktarx jinħadem seasion 2. Is-Sindku qal li hu ma hu xejn sodisfat b'din id-donazzjoni meta diversi residenti tal-lokal ġew affetwati minn b'ħaġa u min b'oħra, apparti dan anke l-amministrazzjoni tal-Kunsill kellha tagħmel diversi arrangamenti u kellha tirrifjuta diversi permessi mall-kuntratturi tal-kostruzzjoni biex taġevola lil kumpanija tal-film. Is-Sindku qal li għandu jikkomunika ma' min kien inkarigat dwar dan.

27.3.5

Is-Sindku qal li minn nhar is-Sibt 12 ta' Ġunju 2021 reġa beda s-servizz tal-ġbir tal-iskart domestiku (borża s-sewda għal matul l-istaġun tas-sajf). Dan ser ikompli sa nhar is-Sibt 18 ta' Settembru 2021. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li peress li nhar it-Tnejn 7 ta' Ġunju kienet festa pubblika, turisti li kienu hawn dakinhar ħarġu diversi boroż suwed bi skart domesitku wara li l-kuntrattur kien diġa għamel il-ġabra tiegħu bil-konsegwenza li l-lokalita' spiċċat b'diversi boroż suwed barra għal jumejn peress li l-għada t-Tlieta kien imiss li tinġabar il-borża tar-reċiklaġġ u l-Erbgħa dik tal-ġabra tal-iskart organiku. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa mall-Kuntrattur biex flimkien jaraw x'soluzzjoni tista tinstab biex il-lokalita' ma terġax issib din is-sitwazzjoni bil-boroż taż-żibel barra.

27.3.6

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-Ġnien tal-Bidwi cctv, minnhom mhux qed taħdem, dan peress li rriżulta li hemm xi ħsara fil-wiring u għalhekk dan għandu jinbidel. Hu qal li ġie nfurmat mill-ġardinar li reġa hemm il-ħtieġa tal-ħart f'dan il-ġnien speċjalment fejn hemm is-siġar tal-frott. Il-Kunsill qabel ma dan.

27.3.7

Is-Sindku qal li rigward is-siġar tal-palm li ġew rilokati minn Sannat Junction għal ġewwa l-playing field, ġie uffiċjal mill-Aġrikultura fejn qal li dawn is-siġar ma ħadux ruħ. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-kuntrattur tal-playing field dwar dan biex jekk dawn jinsabu mejta jitneħħew.

27.3.8

Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 8 ta' Ġunju 2021 saret laqgħa mall-President tal-Gozo Tourism Association fejn preżenti attendew hu, il-Kunsillier Gauci u s-Segretarju Eżekuttiv, fejn ġie diskuss biex bejn il-15 ta' Ġunju u l-15 ta' Settembru, Ta' Sannat jaqa mall-kategorija ta' żona turistika biex b'hekk ma jkunx hawn ilmenti dwar storbju ta' kostruzzjoni eċċ. minn turisti u anke minn individwi li jikru flats u farmhouses. Il-President issuġġerixxa biex il-Kunsill jingħaqad flimkien mar-Reġjun Għawdex biex din it-talba ssir flimkien. Sadanittant il-Kunsill xorta talab lill-Malta Tourism Authority biex tikkunsidra li għalmenu tinkludi Triq Ta' Ċenċ, Triq it-Tempju tal-Imramma u Triq ix-Xabbata. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa ssemmha wkoll l-proġett tal-pompa tal-ilma li tinsab fil-wied ta' Mġarr ix-Xini u anke l-potenzjal tal-wied ta' Mġarr ix-Xini.

27.3.9

Is-Sindku qal li fuq talba ta' individwi lill-Kunsill sar patching fejn intużaw madwar 7 jardi konkos fi triq imsejħa Ta' Żabbetta peress li kien hemm ħofor kbar u perikolużi. Il-Kunsill qabel ma dan. Hu qal li wara diversi tentattivi l-Korporazzjoni tal-Ilma għandha tagħti wiċċ ġdid bil-konkos lil din it-triq.

27.3.10

Is-Sindku qal li l-Kunsill rċieva mingħand MPS Ltd. (Water be the Change) biex issir edukazzjoni tajba dwar l-użu tal-ilma permezz ta' mobile unit li se tkun stazzjonata fi Pjazza Santa Margerita nhar is-Sibt 3 ta' Lulju 2021. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dwar dan.

27.3.11

Is-Sindku qal li rċieva korrispondenza mingħand Kunsilliera mill-Kunsill Lokali Kalkara biex meta jkun il-waqt il-Kunsilli jkomplu bil-patt ta' ħbiberija li l-Kunsilli għandhombejniethom.

27.3.12

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-bdil tal-ismijiet tat-toroq, il-Kunsill irċieva lura mill-

Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq f'Għawdex li mhux qed jaqbel li jsir, dan peress li ser tinvolvi spejjeż bla bżonn lil Identity Malta Agency u qed jissuġġerixxu li dwar l-isem Montefiascone jista' jsemmi dik il-pjazzetta li fiha jiltaqgħu l-erba' triqat ta' Triq il-Blat u Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri.

27.3.13 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie mitlub minn MIEMA biex isir patt għall-Agrobiodiversita għal Għawdex fi ħdan il-proġett Greenchange. Il-Kunsill qabel ma dan.

27.3.14 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva mingħand Otters ASC għar-referenza li kienu għamlu fejn talbu biex issir attivita' ta' jumejn fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini, din ser issir fl-4 u fil-5 ta' Settembru 2021. Il-Kunsill qabel ma dak li kien diskuss f'laqgħa preċedenti u ma jsib l-ebda oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jsegwu r-restrizzjonijiet maħruġa mill-Awtoita' tas-Saħħa.

27.3.15 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie mitlub mill-Assoċjazzjoni tan-Naħħala Malta fejn qed jipproponu li jsir Memorandum ta' Ftehim mal-Kunsilli li għandhom l-ambjent għal qalbhom fejn il-Kunsilli firmatarji jkunu qed jintrabtu li ma jneħħux il-ħaxix selvaġġ mill-passaġġi rurali sal-31 ta' Mejju ta' kull sena. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa magħhom dwar dan.

27.3.16 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq talba ta' voluntiera nhar is-Sibt 19 ta' Ġunju saret clean up f' Ta' Sannat fejn dawn talbu l-għajnuna tal-Kunsill billi jipprovdilhom boroż, ingwanti w ilma. Il-Kunsill qabel ma din l-inizzjattiva. Is-Sindku qal li bil-ġbir ta' plastic li qed jinġabar minn dawn il-voluntiera ser jintuża biex isir tip ta' xbieha artiska minn artist fejn is-Santwarju Ta' Pinu.

27.3.17 Is-Sindku nfoma lill-Kunsill li l-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar ħabbar b'żewġ konsultazzjonijiet dwar Malta's Low Carbon Development Strategy u Green Paper Towards Cleaner Vehicles on our Roads. Dawn il-konsultazzjonijiet huma miftuħa għal feedbak sal-31 ta' Lulju 2021.

27.3.18 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar komunikat mid-Divizzjoni tal-Gvern Lokali dwar Skema 2021-2022 biex isir ingaġġ ta' Uffiċċjal tal-Komunita' "Steward" għat-trattament xieraq tal-Annimali biex jaħdem fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill esprima x-xewqa tiegħu u qabel li japplika.

27.3.19 Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li dwar il-laqgħat li l-Kunsill kien talab mall-Onor. Chirs Ferne dwar il-Berġa u mall-Onor. Miriam Dalli dwar followup fuq Triq Palazz Palina, Triq il-Kbira u Playing Field Triq Marziena għadu qed jistenna risposta għal appuntament.

## 27.4

## 27.4.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk kellhomx xi mistoqsijiet. Il-Kunsillieri wieġbu li le.

## 27.5

## 27.5.1 Komunikazzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkulari mibgħuta mid-DLG dwar:

Ċirkulari Numru SPI/APP/6/2020 – Emendi fil-Proċess għall-Amministrazzjoni ta' Proprjeta' Pubblika (Devoluzzjoni)
Ċirkulari Numru 5/2021 – Konsultazzjoni dwar Politika għall-Gvern Lokali 2021

27.5.2

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

24 ta' Mejju 2021 – Cir AKL 2021/043 – AKL Webinar – Innovative Localities: A place to bring ideas to life 16/06/2021
26 ta' Mejju 2021 – Cir AKL 2021/044 – SEM – Capacity Building Session Project Development 11/06/2021
26 ta' Mejju 2021 – Cir AKL 2021/045 – Communication with people with special needs – Mentor Aid Session 09/06/2021
27 ta' Mejju 2021 – Cir AKL 2021/046 – Cross-KIC New European Bauhaus (NEB) Call: Capitalising on existing public realm solutions
03 ta' Ġunju 2021 – Cir AKL 2021/047 – Kontroll tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet
08 ta' Ġunju 2021 – Cir AKL 2021/048 – Kunsill Nazzjonali taż-Żagħżagħ
09 ta' Ġunju 2021 – Cir AKL 2021/049 – Active Ageing Application forms – UPDATED
10 ta' Ġunju 2021 – Cir AKL 2021/050 – Equalcity Toolbox Creating safe(r) spaces for LGBTQI+ people with migrant background – IOM Belgium
10 ta' Ġunju 2021 – Cir AKL 2021/051 – Permessi għal-armar ta' 'Big Screens' jew għal xi attivita oħra
11 ta' Ġunju 2021 – Cir AKL 2021/052 – AKL Webinar – Social Field: Youth and Criminality 30/06/2021
14 ta' Ġunju 2021 – Cir AKL 2021/053 – Together with refugees – share your message for World Refugee Day – UNHCR Malta
14 ta' Ġunju 2021 – Cir AKL 2021/054 – Servizz għall-Anzjani – Psychotherapy
14 ta' Ġunju 2021 – Cir AKL 2021/055 – World Blood Donor Day 2021
15 ta' Ġunju 2021 – Cir AKL 2021/056 – Allotment Gardeining Proposal - Community Gardening
15 ta' Ġunju 2021 – Cir AKL 2021/057 – 'Temporary and reversible' permit whereby catering establishments will be allowed to use adjacent public space as an Outdoor Catering Area.
15 ta' Ġunju 2021 – Cir AKL 2021/058 – Tnedija tal-Proġett sabiex jiġi kkontrollat il-ħamiem fil-lokalitajiet 25.06.2021
15 ta' Ġunju 2021 – Cir AKL 2021/059 – Proċess għall-Devoluzzjoni mill-Kunsilli Reġjonali / Kunsilli Lokali

27.5.3

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

25 ta' Mejju 2021 – Re Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 102 nhar il-Ħamis, 10 ta' Ġunju, 2021 fis-6.00 p.m.
01 ta' Ġunju 2021 – Iffilmjar – Parteċipazzjoni f'Festival Internazzjonali tal-Bizzilla ġewwa l-Kroazja – Settembru 2021
04 ta' Ġunju 2021 – Re Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 102 nhar il-Ħamis, 10 ta' Ġunju, 2021 fis-6.00p.m.
08 ta' Ġunju 2021 – Re Kors għas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali ta' Għawdex dwar il-Public Procurement
10 ta' Ġunju 2021 – Invit – Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 102 nhar il-Ħamis, 10 ta' Ġunju, 2021 fis-6.00p.m.
11 ta' Ġunju 2021 – Re Pożizzjoni – Summer Break Time – Gozo Tourist Area
11 ta' Ġunju 2021 – Re Skema Reġjonali – Libreriji fil-Lokalita' 2021
14 ta' Ġunju 2021 – Invit – Laqgħa mal-President tar-Repubblika ta' Malta, l-E.T. Dr George Vella, is-Sibt, 26 ta' Ġunju, 2021 fil-11.30 a.m. ġewwa l-Kempinski, San Lawrenz
15 ta' Ġunju 2021 – Ree Email to Local Councils

27.5.4

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mill-Planning Authority dwar applikazzjonijiet u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

2 ta' Ġunju 2021 – PA/03696/21 – To construct two houses with underlying garages including two pools. – Mr John Bajada, Ember, Ta' l-Argentin, Triq il-Kbira, Sannat
2 ta' Ġunju 2021 – PA/03690/21 – Biex jiggedded il-permess PA1261/16; "Biex jiggedded il-permess PA1595/08: Biex tinbena dar u garage". – Mr Emanuel Farrugia, Site at, Triq Ta' Ċenċ, Sannat
2 ta' Ġunju 2021 – RG/00491/21 – To regularise garage no. 1 as built. – Mr Kevin Mercieca, Flat 1, First Floor Level, St. Margaret Flats, Triq Pisoniano, Sannat
2 ta' Ġunju 2021 – PA/02213/21 – GTD – Proposed extension of maisonette approved in PA 0371/20 at first floor level and door openings at ground floor level. – Ms Stephenie Mizzi, Ohana, Triq il-Paranji, Sannat
2 ta' Ġunju 2021 – PC/0074/20 – GTD – To shift road alignment from current to proposed position – Site at Ta' Bezuza l/o Ta' Ċenċ, Sannat, Gozo
9 ta' Ġunju 2021 – PA/04058/21 – Restoration of facade and replacement of apertures (Irrestawra Darek scheme) – GS/00639/19. To also carry out minor alterations at receded level. – Mr Daniel Magrin, 85, Triq il-Kbira, Sannat
9 ta' Ġunju 2021 – PA/03966/21 – Proposed internal alterations and additions to dwelling house. – Fr Paul Cardona, Cardona, Triq Ta' Sannat, Sannat
9 ta' Ġunju 2021 – PA/04032/21 – To segregate courtyard from existing house 19, Triq it-Tin and to construct additional dwelling unit. – Mr Raymond Fava, 19, De Olde Courtyard, Triq it-Tin c/w, Triq il-Pinnur, Sannat
9 ta' Ġunju 2021 – RG/02047/20 – GTD – To regularise a terraced house as built. – Mr George Fenech, Veintitres, Triq Ta' Dun Luqa, Sanant

## 27.6

## Ħatra ta' bord għall-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjonijiet u Offerti ġodda

27.6.1

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li kif maqbul fil-laqgħa preċedenti nħarġu dawn l-offerti ġodda u l-Kunsill irid jaħtar bord għall-aġġudikazzjoni u evalwazzjoni tagħhom:
Tender: SNTLC 07/2021 Tender for the Service of An Archaelogical Monitor. Il-Kunsill ħatar lis-Sindku Chairperson u s-Segretarju Eżekuttiv bħala Segretarju tal-bord u lil [redacted] Formosa membri.

27.6.2

Tender: SNTLC 08/2021 Tender for the Provision of Engineering Consultancy Service in relation to projects undertaken by Ta' Sannat Local Council. Is-Sindku qal li wieħed mill-offerenti jiġi kuġin tiegħu u għalhekk iddikjara kunflitt ta' nterest u ħalla l-laqgħa sakemm jiġi diskuss liberalment biex ma jkollux x'jaqsam xejn mall-għażla ta dan il-bord, b'hekk il-Kunsill kompla d-diskussjoni u ħatar lil Viċi Sindku Chairperson u s-Segretarju Eżekuttiv bħala Segretarju tal-bord u lil [redacted] membri.

27.6.3

Tender: SNTLC 09/2021 ġiet ikkanċellata

27.6.4

Quotation: SNTLC 10/2021 Quotation for the provision of cleaning services at Ta' Sannat Local Council (Re-issue). Il-Kunsill ħatar lis-Sindku Chairperson u s-Segretarju Eżekuttiv bħala Segretarju tal-bord u l-Kunsillieri membri.

27.6.5 Tender: SNTLC 11/2021 Project Management Services for Pjazza Santa Margerita embellishment. Il-Kunsill ħatar lis-Sindku Chairperson u s-Segretarju Eżekuttiv bħala Segretarju tal-bord u [redacted] membri.

27.6.6 Quotation: SNTLC 12/2021 Cleaning, maintenance and opening and closing of Public Conveniences in the locality of Ta' Sannat in an environmentally friendly manner. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma u spjega li jkun aħjar li din il-kwotazzjoni terġa toħroġ mill-ġdid biex ikun hemm trasparenza assoluta fl-lot wieħed għaż-żewġ latrini. Il-Kunsill qabel ma' dan. Għal din il-kwotazzjoni l-Kunsill ħatar lis-Sindku Chairperson u s-Segretarju Eżekuttiv bħala Segretarju tal-bord u l-Kunsillieri membri.

## 27.7 Rapport ta' kull kwart Jan – Marzu 2021

27.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li ma' l-Aġenda li kien bagħat permezz tal-imejl ir-Rapport ta' kull kwart Jan – Mar 2021. Hu qal li dan qed jiġi ppreżentat issa peress li l-accounts ġew entrati wara li sar l-awditjar u qed tingħalaq is-sena 2020. Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport.

## 27.8 Ilmenti u Suġġerimenti

27.8.1 Il-Kunsill reġa irċieva imejl mingħand residenta li toqgħod fi Triq l-20 ta' Lulju fejn talbet feedback rigward l-bankina ta' quddiem ir-residenza tagħha. Is-Sindku qal li dwar dan l-ilment qed fi ħdan Transport Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li minn naħa tal-Kunsill bgħat dak rikjest għal din it-talba.

27.8.2 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team – *MGOZ* rigward ħaxix ħażin li hemm fi Triq tal-Gruwa. Dwar dan qed jitnaddaf mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill

27.8.3 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand residenta li toqgħod fi Triq Skerla fejn talbet li jsiru parking spaces tul din it-triq jew fil-pjazzetta, dan peress li xħin in-nies qed jipparkjaw qed jieħdu aktar spazju milli suppost u b'hekk tinħoloq problema ta' parkeġġ. Din ir-residenta ilmentat ukoll rigward skart li qed jiġi mormi fit-triq li tagħti għal Ta' Ċenċ Cliffs, rigward dan is-Segretarju Eżekuttiv informaha li din l-area hija propjeta' privata. Dwar l-ewwel parti ta dan l-ilment il-Kunsill ddiskuta u qal li ma jaqbilx ma dan is-suġġeriment. Dwar it-tieni parti tal-ilment il-Kunsill qal li din hija propjeta privata.

27.8.4 B' referenza għall-ilment numru 21/2021, resident li joqgħod fi Triq Ta' Bebunaq talab li ssir il-kantuniera ta' Triq Ta' Bebunaq u Triq il-Pinnur mill-aktar fis possibli dan peress li kien se jsir inċident meta hu kien nieżel u karozza ġiet fuqu sparata. Din it-talba kienet saret lill-MGOZ.

27.8.5 B' referenza għall-ilment numru 22/2021, resident li joqgħod fi Triq il-Kbira talab li tittieħed azzjoni fuq karozzi li qegħdin jagħmlu ħafna żejt quddiem tiegħu fejn dan diġa għamel rapport lill-Pulizija. Rigward dan is-Segretarju Eżekuttiv qal li rraporta b'dan lil Pulizija. Dan ir-resident talab ukoll li jsir refreshing ta' double yellow lines quddiem id-dar tiegħu. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni u l-Kunsill qabel li għandu jgħamel refreshing biż-żebgħa tas-sinjali tat-traffiku madwar il-lokalita' kollha.

27.8.6 Il-Kunsill irċieva imejl bir-ritratti rigward boroz tal-iskart suwed li nħarġu barra fil-ġranet li ma jkunx hemm ġbir fi Triq Skerla. Din ir-residenta issuġerit li ssir ġabra tal-boroż suwed extra l-għada ta' festa pubblika jew inkella jkun hemm post fejn wieħed ikun jista' jpoġġi l-boroz suwed qabel ma wieħed jitlaq min Għawdex. Dwar dan l-ilment il-Kunsill għandu jitlob laqgħa mall-Kuntrattur dwar dan l-inċident għal futur biex flimkien wieħed jara x'jista jsir.

27.8.7 B' referenza għall-ilment numru 23/2021, persuna talbet li jinbena ħajt tas-sejjieħ imwaqqa fi Triq tal-Gruwa. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din talba ntbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-Works Request System biex ikun jista jsir dan ix-xogħol.

27.8.8 Il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill ġibdu l-attenzjoni li hemm bżonn li jiġu mibdula uħud mit-tabelli tat-traffiku li ma għadhomx jidhru minħabba l-elementi naturali. Dawn huma:

- Dead End – Triq Ta' Ċenċ – fid-daħla għal Ġibjun
- Dead End – Triq il-Barumbara Tal-Bies
- Stop Sign – Triq il-Barumbara Tal-Bies
- Stop Sign – Triq l-10 ta' Ottubru
- 4 Give Way – Pjazzetta tax-Xelina
- No Entry – Triq Dun Xand
- Stop Sign – Triq Dun Xand
- Clean After Your Dog – Triq Santa Marija (din ser tinbidel minn dawk tal-plastic li għandu l-Kunsill)
- 4 Give Way – Triq Cocco Palmeri / Triq il-Blat – pjazzetta fejn il-Monument Vincenzo Caruana Spiteri
- No Right Entry bir-reflector – Marsilja Junction

27.8.9 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta li toqgħod fi Triq Skerla, fejn ilmentat rigward l-ammont ta' skart li tħalla barra f'din it-triq it-Tnejn filgħaxija wara l-weekend. Din spjegat kif dawn il-boroz spiċċaw imqatta' minn qtates u klieb abbandunati u b'hekk l-kontenut tagħhom spiċċa mferrex ma kullimkien. Din issuġerit li fis-Sajf jiżdiedu l-ġranet ta' ġbir ta' skart u staqsiet jekk hemmx xi sit fejn wieħed jkun jista jarmi l-skart qabel ma jitlaq min Għawdex.

27.8.10 Il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill ġibdu l-attenzjoni ta' mera miksura fi Triq Saguna. Din ġiet rranġata mill-kuntrattur.

27.8.11 B' referenza għall-ilment numru 24/2021, residenta li toqgħod fi Triq Gruwa talbet li jiġi mibdul l-bank li hemm quddiem ir-residenza tagħha peress li dan huwa mkisser. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li dawn il-mirja tat-traffiku għandhom ikunu ndaf mit-trabijiet li jaqa fuqhom speċjalment mill-elementi tan-natura minn dik ix-xita tal-ħamri.

27.8.12 Il-Kunsill irċieva imejl mill-Ministeru tal-Edukazzjoni fejn ikkoppjaw kitba li ntbgħatet lilhom mingħand resident li joqgħod f' Ta' Sannat, fejn madwar sena ilu talbu bozza ġdida fi Triq tal-Gruwa. Il-Kunsill wieġeb li hemm fanali ordnati biex jinbidlu ma' bozoz eżistenti u mbgħad jkunu jistgħu jiġu nsallati dawn.

27.8.13 Il-Kunsill irċieva diversi ilmenti mingħand residenti fejn talbu li jerġa jinbena l-ħajt li hemm maċ-ċimiterju li huwa ta' periklu. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba ntbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-Works Request System biex ikun jista' jsir dan.

27.8.14 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident li joqgħod fi Triq it-Tempju tal-Imramma fejn talab li ssir bankina aċċessibli għal garage tar-residenza tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba ntbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-Works Request System biex ikun jista' jsir dan.

27.8.15

Il-Kunsill irċieva ilment mingħand residenta li toqgħod fi Triq it-Tin fejn talbet li tinbidel l-bankina tar-residenza tagħha peress li din tiżloq ħafna. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba ntbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-Works Request System biex ikun jista' jsir dan.

27.8.16

Il-Kunsill irċieva imjel mingħand ġurnalist fejn staqsa diversi mistoqsijiet rigward ilment li huma rċevew mingħand residenta li toqgħod Ta' Sannat. Il-Kunsill qabel li għandu jwieġeb bl-
27.8.17 Avukat.

Il-Kunsill irċieva diversi ilmenti mingħand residenti biex tiġi imnadfa area fi Triq Xamgħan. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba ntbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-Works
27.8.18 Request System biex ikun jista' jsir dan.

Il-Kunsill irċieva lment mingħand persuna anzjana minn Malta fejn ilmentat li r-railing ta fuq is-slipway li hemm fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini li tintuża mid-divers mhix prattika għal wieħed
27.8.19 anzjan. Dwar dan l-ilment is-Sindku qal li dik is-slipway għandha tiġi nstallata fil-jiem li ġejjin.

Ġiet irrapurtata mera miksura fi Triq Marsilja kantuniera ma' Triq ix-Xabbata. Din ġiet mibdula mill-kuntrattur.

## 27.9

### 27.9.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 6/2021

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 6/2021 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagament għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Steven Gauci u ssekondata mill-Kunsillier Clayton Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 27.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

27.10.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.15 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 19 ta' Lulju 2021, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 19 ta' Lulju, 2021

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |